MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Avviż Pubbliku - Maltese Cross Financial Services Limited

Fis-6 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-'MFSA') ħarġet avviż dwar l-investigazzjoni tagħha dwar l-operat ta' Maltese Cross Financial Services Limited ('Maltese Cross jew il-kumpanija'). L-investigazzjoni tal-MFSA għadha għaddejja. Numru ta' miżuri ttieħdu biex jitħarsu l-assi tal-kumpanija u biex jitħarsu l-interessi tal-investituri.

Fil-11 ta' Awwissu l-2014, l-MFSA rrevokat l-approvazzjonijiet mogħtija lis-Sur Jean Claude Bugeja biex jaġixxi bħala Direttur, *Compliance Officer* u *Money Laundering Reporting Officer* tal-Kumpanija u li jipprovdi servizzi ta' investiment.

L-MFSA ħarġet ukoll direttiva skont it-termini tal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Artiklu 15 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, fejn iddireġiet lis-Sur Jean Claude Bugeja biex:

a) jirriżenja bħala Direttur tal-Kumpanija;

b) jieqaf milli jipprovdi kull tip ta' servizz finanzjarju, inkluż pariri ta' investiment;

c) jieqaf milli jwettaq kull tip ta' funzjoni fi ħdan il-Kumpanija;

d) ma jaċċessax ir-rekords, is-sistemi tal-IT u l-uffiċċji tal-Kumpanija, li jinsabu f'242, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara; sakemm mhux awtorizzat mill-Awtorità; u

e) iżomm u ma jeqridx, ma jagħmilx ħsara u ma jalterax kwalunkwe dokumentazzjoni li s-Sur Bugeja jista' jkollu fil-pussess tiegħu b'rabta mal-Kumpanija u/jew il-klijenti tagħha.

Fil-11 ta' Awwissu 2014, l-MFSA għamlet determinazzjoni li, skont it-termini tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Regolamenti għal Skema ta' Kumpens lill-Investituri), Maltese Cross Financial Services Limited, ma tistax, għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha, tilħaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-klejms li jsiru mill-investituri tagħha u li m'għandha l-ebda propsett immedjat jew prevedibbli li tkun tista' tagħmel dan.

L-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri ġiet notifikata mid-determinazzjoni tal-MFSA u b'avviż pubbliku se tkun qed tagħti parir lill-investituri dwar kif jistgħu japplikaw għall-kumpens mill-iskema.

Aktar avviżi jistgħu jinħarġu aktar 'il quddiem.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**MFSA Ref: 62-2014**
**12 ta' Awwissu 2014**